# X'qalu tal-Qrendi

**Guido Lanfranco**





*Meta kont nagħmel programmi fuq Radju RTK, l-aktar fis-snin disgħin, kont nagħżel suġġett dwar id-drawwiet u t-tradizzjonijiet tagħna. Wara li nitkellem fuqu, kont inħajjar lill-anzjani jitkellmu dwar l-esperjenzi tagħhom fuq l-istess suġġett. Hawn qed inġib għażla mill-interventi li jikkonċernaw il-Qrendi.*

## Fratelli

19-1-1994 *Nru. 330. Mara, mill-Qrendi.* Hawn idoqqu l-qniepen meta jmut xi ħadd skont f'liema fratellanza jkun ... Min jifhimhom jgħid: 'Miktub f'tar-Rużarju!' ... 'Miktub f'Ta' Lourdes!' ... Għadhom jagħmluha ... U għadhom jilbsu għall-funerali, jimxu biċċa mit-triq għall-knisja. U anke l-Vjatku solenni hawn għadu jsir darbtejn fis-sena ... Darba fl-ewwel Ħadd fuq l-Għid u l-ieħor fl-ewwel Ħadd fuq Santa Marija ... Jakkumpanjaw il-fratelli.

## Kuruna dritta

3-9-1994 *Nru. 387. Mara ta' 60 sena mill-Qrendi. (Meta semmejt kuruna dritta, mhix fit-tond, li jużaw id-devoti tal-Madonna ta' Pinu, Għawdex).* Niftakar lill-bużnanna ... B'dik (il-kuruna) Ta' Pinu ... Dik tal-Assunta wkoll, tintuża fil-Qrendi kienet. Ħmistax-il żibġa tal-Assunzjoni, ħmistax-il stilla li għandha f'rasha ... Ħmistax tal-kwindiċina ... Fl-aħħar (fiha) tliet Avemarijiet ... Il-bużnanna kienet iżżommha fil-but tad-dublett ta' taħt.

## Ġugarelli

2-7-1994 *Nru. 595. Mara. (Meta semmejt is-suq tal-ġugarelli fil-festa ta' Santa Venera).* Fejn ikun hemm it-*toys* ... Niftakar il-mamà teħodna ħdejn il-kappella tal-Ħniena, il-Qrendi ... Ikun hemm fiera ... Konna nibku biex tixtrilna imma ma kinetx tista' dak iż-żmien. Allura lil oħti l-kbira kienet tagħtiha kaxxi tas-sulfarini vojta u bid-dqiq u l-ilma twaħħalhom u tgħidli: 'Ħa nagħmillek sufan ... U hekk... *(Id-dqiq bl-ilma kienu jsaħħnuhom u jħawduhom biex jużawhom bħala kolla.)*

## Titwieled tarbija

23-11-1994 *Nru. 719. Mara, mill-Qrendi.* (a) *(Meta tkellimt dwar id-daqq tal-qniepen (il-lawdi) meta titwieled tarbija).* Fuq il-lawdi, meta nagħmlu dak ir-ringrazzjament meta titwieled tarbija, hawn fil-parroċċa tagħna għadhom isiru ħafna ... . Il-Qrendi ... Ħafna min-nies għadhom jagħmluha ... Idoqqu mota qasira, filwaqt li s-saċerdot (tkun għadha kemm spiċċat il-quddiesa ta' filgħaxija) wara l-aħħar barka tal-quddiesa jgħid it-*Tantum ergo* kollu bil-Latin. Il-barka tkun daqqet qabel il-quddiesa. Kif jagħti l-aħħar barka tal-quddiesa biex lin-nies jgħidilhom biex imorru, jintona l-*Pange lingua* bilwieqfa u xħin jasal għat-*Tantum ergo* hu u n-nies jinżlu għarkopptejhom jagħmlu dan ir-ringrazzjament; idoqqu bil-qanpiena wkoll; mota qasira. (b) Fid-dar, il-kamra tas-sodda s-sabiħa kien hawn il-mentalità li hemmhekk ma jidħol ħadd. Tinżamm għal meta l-*mummy* jkollha *baby* biss. Għand in-nanna kienu jgħidulha 'd-dar' il-kamra tas-sodda. L-alkova niftakarha għax il-bużnanna tiegħi kellha ... Arkata bil-purtiera u sodda warajha.

### It-tieġ

18-1-1995 *Nru. 799 Jane Cuschieri, Ħamrun.* Kont mort (tieġ) il-Qrendi ... Kienu marru bil-mixi. Meta waslet id-dar, l-għarusa biex tagħmel it-trattament kienu tefgħu ħafna ġellewż u lewż lit-tfal. Meta wasluħdejn il-bieb biex jidħlu, minflok ġelat kienu jqassmu ċikkulata (kokotina) ... U panedispanja. (*Meta ma kienx hawn il-friġġ kienu jużaw kaxxa bi blokka silġ fiha. Għalhekk kienu jfittxu jqassmu l-ġelat l-ewwel ħaġa biex ma jibdiex idub*). Eżatt kif tidħol fit-tieġ (għat-trattament) l-ewwel ma jagħtuk tazza (*kikkra*) kokotina u panedispanja magħha ... Ilu dan ... kont għadni żgħira ... F'kikkra żgħira ... Mhux kokotina kienu jgħidulha, imma kawkaw. (*Il-kawkaw kien jinxtara blokki u kienu jfarrkuhom skont il-bżonn*). Filgħodu jagħmlu trattament żgħir, imbagħad jagħmlu ikla. Niftakar li kellhom l-għelieqi dawn, u għamluha ġo għalqa. Filgħaxija reġgħu għamlu trattament ... Ġew bil-kitarri, għadni niftakar ... Qabel ma kinux jagħmluh bil-quddiesa... Kienu jmorru bil-mixi... Konna morna warajhom aħna. Imbagħad morna lura bil-mixi d-dar... Il-Qrendi dan... Tefgħu ħafna ġellewż u lewż... It-tfal jitqabdu u jitgerbu (biex) jiġbruh... Kulħadd iċapċpilha fit-triq.

### Ganutell

6-9-1995 *Nru. 1047. Mara, Qrendi.* Hawn mara għadha taħdem il-granutill (*trid tgħid ganutell*). Ħadet is-sengħa mingħand ir-raġel tagħha. Kienu dejjem jaħdmu flimkien id-dar. Grace Sciberras hawn toqgħod maġenbi. Issa anzjana u naqra ma tiflaħx, però hemm it-tifla l-miżżewġa u toqgħod magħha, ukoll tgħallmet din is-sengħa u jiġu ħafna nies għandha kemm tal-parroċċi, minbarra (xogħol) għall-istatwi u għall-affarijiet fil-knisja u anki dawk in-nies (id-dilettanti) li għandhom kappella ċkejkna. Wieħed ġie jordna bukketti ċkejknin għat-tifel tiegħu għax għandhom kappella. Jiġu wkoll għarajjes biex tagħmlilhom il-bukkett ta' jdejhom ... Ta' jdejn l-għarusa (li) mbagħad jordnaw bozza u dan il-bukkett tat-tieġ iżommuh bħala ornament ... Ġmiel taħdem ... Jiġu minn Malta kollha. (*Fl-aħħar ftit snin tas-seklu għoxrin u fis-seklu wieħed u għoxrin il-ganutell kiber fil-popolarità. Isiru ħafna wirjiet u korsijiet u nkitbu diversi kotba apposta dwar il-ganutell. Dan ix-xogħol m'għandux jissejjaħ granutell bl-r, imma ganutel jew ganutell, kelma mit-Taljan cannotiglio, kif tissejjaħ il-molla minħabba li tifforma kanal jiġġebbed.* (*Ara wkoll l-artiklu fit-'Treasures of Malta'* No. 19, 2000)

6-9-1995 *Nru. 1048. Raġel min-Nadur, Għawdex.* Dik li taħdem il-granutil (*ganutell !*) tal-Qrendi, dis-sena żanżanna sett fjuretti għall-altari u għandha ħdimniehom ... Ilhom jinħadmu xi erba' snin u dis-sena lestejna tal-artali kollha.

6-9-1995 *Nru. 1052. Mara mill-Qrendi.* Dik tal-Qrendi għamlet ħafna bukketti tal-granutill (*ganutell!*) ma' Malta u Għawdex ... Grace Sciberras ... Ħafna fjuretti. Issa għamlet il-bukketti ta' Santa Marija tal-Qrendi stess. Ir-raġel tagħha tahielha s-sengħa ... Hi mhix mill-Qrendi, hi minn Ħal Safi imma r-raġel tagħha mill-Qrendi. Illum il-ġurnata miet, issa għandha t-tifla. Lill-għarusa tat-tifel hi għamlitilha l-bukkett ... Abjad bid-deheb u l-fidda, u kulħadd jgħid li qatt ma raw bħalu. Issa se tagħmlu f'bozza biex iżżommu rikordju.

### Ħmar qammas

12-12-2007 *Nru. 1501. Mara mill-Qrendi.* (*Meta tkellimt dwar meta tibda titwal ftit il-ġurnata mill-21 ta' Diċembru*). Ommi kienet tgħid: 'Pass ta' ħmar qammas', jiġifieri titwal ħarira, li mhi xejn. Kienu jgħiduha l-antiki. Issa ommi ilha mejta wieħed u għoxrin sena ... 'Għada (l-ġurnata) titwal pass ta' ħmar qammas', kienet tgħid. (*Ħmar qammas jew qammies tfisser joqmos u jekk joqmos jibqa' fejn ikun, għalhekk jagħmel ftit li xejn progress*)



